**L-EWWEL LAQGĦA TAL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI: *L-EFFETTI TAL-MEDIA FUQ IL-FAMILJA***

*"...f'pajjiżna tinħass il-ħtieġa għal aktar edukazzjoni fl-użu tal-media milli ċ-ċensura..."*

*"...il-bżonn ta' aktar riċerka lokali fuq l-effetti tal-media fuq il-familji Maltin..."*

*"...tiġi stabilita l-politika nazzjonali tal-familja li tindika l-valuri universali tal-familja li jwasslu għal edukazzjoni effettiva fl-użu tal-media u kif din tiġi interpretata..."*

*"...jinħass il-bżonn ta' aktar investiment minn stazzjonijiet tat-televiżjoni lokali favur programmi ta' kwalità, speċjalment ma dak li għandu x'jaqsam programmi tat-tfal u l-valuri tal-familja..."*

Dawn huma l-konklużjonijiet li ħarġu mill-ewwel laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Malti u l-preokkupazzjoni tal-Kumitat fuq l-effetti varji li l-*media* jista' jkollha fuq il-familja.

L-esperti mistiedna li ddiskutew dan is-suġġett kienu Rev. Joe Borg, Fr. Dr. Charles Tabone o.p, s-Sur Albert Debono, bil-kollaborazzjoni ta' Dr. Mary Anne Lauri. L-esperti saħqu li l-influwenza tal-*media* fuq il-familja tiddependi minn diversi fatturi, fosthom kemm il-familja tiddedika ħin u riżorsi lejn il-*media*, l-kredibiltà li din tingħata, u l-livell ta' edukazzjoni. Intqal li forom differenti ta' *media* fid-dar, pereżempju tliet settijiet tat-televiżjoni fi tlett ikmamar differenti, hija użanza ħażina li mhux qed tħalli l-familja tiltaqa' flimkien. Il-komunikazzjoni personali bejn il-membri tal-familja huwa l-aħjar mezz ta' komunikazzjoni u fl-ebda ħin m'għandu jitħalla li l-*media* tkun il-mezz ta' komunikazzjoni prinċipali fil-familja.

Ġie nnutat ukoll li permezz tat-tfassil tal-politika nazzjonali tal-familja u l-parametri li joħorġu minnha, fosthom il-valuri universali tal-familja, għandu jgħin għall-għarfien aħjar ta' kif il-familja tinterpreta u tifred il-messaġġi tajbin minn dawk ħżiena tal-*media*. Fost dawn il-messaġġi ħżiena nsibu l-konsum esaġerat u l-perċezzjoni li l-bniedem ikun aktar stmat skont x'għandu.

Filwaqt li ġie rikonoxxut in-nuqqas ta' riċerka lokali f'dan il-qasam, l-esperti spjegaw l-istrateġija favur l-edukazzjoni tal-*media* u *IT literacy*. Malta qed tgawdi żvilupp fl-oqsma u l-aċċess għat-teknoloġija tal-informatika u l-*media*, u għalhekk tinħass aktar il-ħtieġa ta' edukazzjoni fl-aħjar użu tal-*media* kemm fl-iskola u qalb il-familja nnifisha. B'hekk is-soċjetà Maltija tkun qed tieħu l-aħjar li tista' mill-mezzi tal-*media* u tiddefendi lilha nnifisha mill-qawwa tal-messaġġi li l-*media* kapaċi twassal. Matul il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-ħtieġa ta' bilanċ bejn l-interess soċjali u dak kummerċjali tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni lokali u l-bżonn ta' programmi li jwasslu l-valuri tal-familja.

Il-laqgħa tmexxiet mill-Onor. Edwin Vassallo MP *Chairperson* tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali u kienu preżenti l-Onor. Frederick Azzopardi MP, l-Onor. Justyne Caruana MP, l-Onor. Michael Farruġia MP, l-Onor. Stephen Spiteri MP u l-Onor. Anthony Zammit MP. Waqt il-laqgħa setgħet tinħass il-preokkupazzjoni li kellhom il-Membri Parlamentari tal-Kumitat, fejn wasslu l-messaġġ ta' ħafna ġenituri li huma inkwetati bl-effetti b'saħħithom tal-*media* fuq it-tfal u kif din tista' tillimita l-komunikazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal.

Laqgħa oħra pubblika tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, u li titratta l-familja, ser issir nhar l-Erbgħa fis-7.15pm bit-tema *l-Effetti tal-Vjolenza Domestika fuq il-Familja* (aktar dettalji fuq www.parliament.gov.mt).

**DOI – 16.10.2008**